MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 522/2005

**George Azzopardi**

***Versus***

***Heritage Malta*; il-Ministru responsabbli mit-Turiżmu u Kultura; il-Prim'Ministru; l-Avukat Ġenerali**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv li jolqot l-impjieg tiegħu. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' dekadenza tal-azzjoni.
L-attur fisser illi għalkemm huwa impjegat mal-gvern, f'dan il-waqt huwa *detailed* ma' *Heritage Malta* fil-grad ta' *Collection and Site Executive*. Kien assimilat f'dak il-grad b'seħħ mill-10 ta' Ġunju 2004 meta kien sar ftehim kollettiv għall-ħaddiema ta' *Heritage Malta*; qabel dan, l-attur kellu l-grad ta' Assistent Kuratur (grad li llum tneħħa biex floku hemm dak ta' *Collection and Site Executive*) *posted* fil-mużewijiet u s-siti storiċi u arkejoloġiċi tal-istat f'Għawdex, fejn għadu sallum. Għandu wkoll il-grad

akkademiku ta' *B.A.* u *M.A.* fl-arkejoloġija; dan l-aħħar grad kisbu fl-1999.

Lejn l-aħħar t'Awissu 2003, meta kienet qiegħda titwaqqaf l-istruttura ġdida tagħha, *Heritage Malta* għamlet sejħa interna biex jimtlew postijiet battâla fil-gradi ta' *managers* f'oqsma amministrattivi u kuraturi responsabbli minn gruppi ta' mużewijiet u siti akrejoloġiċi f'Malta.

L-attur huwa tal-fehma illi l-mod kif twaqqfet l-istruttura tar-responsabbiltà tal-mużewijiet u s-siti akrejoloġiċi f'Għawdex, partikolarment għax dawn tqiegħdu taħt *manager* u mhux taħt kuratur – differenti minn kif sar għal Malta – iqiegħdu fi żvantaġġ għal diversi raġunjiet li wkoll fissirhom fl-att taċ-ċitazzjoni. Kompla jfisser illi d-dmirijiet u l-ħtiġjiet għall-ħatriet ġodda kienu mfasslin apposta biex jakkommodaw persuna partikolari u b'mod li ma tqisux kwalifiku tiegħu li kienu jkunu relevanti li kieku l-mużewijiet u s-siti f'Għawdex tqiegħdu taħt kuratur, bħal ma sar f'Malta, flok taħt *manager*. Igħid ukoll illi l-bord tal-għażla wera *bias* kontrieh, qies konsiderazzjonijiet li ma kinux relevanti u ma kienx raġonevoli fl-għażla tiegħu.

Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jagħtuh rimedju, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-għemil amministrattiv li bis-saħħa tiegħu huwa ġie *detailed* mal-konvenuta *Heritage Malta* fil-grad ta' *Collection and Site Executive* kien *ultra vires* u huwa abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika għax sar għal għanijiet mhux xierqa jew huwa msejjes fuq konsiderazzjoniiet li ma humiex relevanti, kif igħid l-art. 469[1] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. tgħid illi l-istess għemil amministrattiv huwa bi ksur tal-liġi għax huwa irraġonevoli, minnu nnifsu "malinn", u jwassal għal riżultati "perversi" kontra tiegħu; u

3. tagħti dawk il-provvedimenti li huma meħtieġa u xierqa sabiex l-attur jingħata rimedju.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Diċembru 2004.

Il-konvenuta *Heritage Malta* ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-azzjoni tal-attur waqgħet b'dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuti l-oħrajn ukoll ressqu l-eċċezzjoni illi l-

[1] *Recte*, art. 469A.

azzjoni saret wara li għalaq it-terminu perentorju ta' sitt xhur u għalhkk waqgħet b'dekadenza.

Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni ta' dekadenza, li dwarha l-art. 469A(3) jipprovdi hekk:

**469A.** (3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(*b*)[2] għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.

Billi jidher ċar, ukoll mill-ewwel talba tal-attur, illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv li l-attur qiegħed igħid illi huwa *ultra vires* (u mhux li jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta), din id-dekadenza tgħodd għall-każ tallum.

Id-*dies a quo* għaż-żmien ta' sitt xhur huwa meta l-attur sar jaf, jew seta' jsir jaf, bl-għemil li qiegħed ifittex li jwaqqa' bl-azzjoni tallum.

Mill-istqarrija tal-attur stess, minnu maħlufa fit-3 ta' Novembru 2008[3], jidher illi s-sejħa għal applikazzjonijiet, li hu jgħid illi saret bi ksur tal-liġi taħt kondizzjonijiet li qegħduh fi żvantaġġ, kienet saret sat-28 t'Awissu 2003, u r-riżultat tal-*interview*, mnejn sar jaf li ma kienx intgħażel, ħaret fit-30 t'Ottubru 2003. Imbagħad, il-pożizzjoni tiegħu "ġiet definita" b'ittra tal-10 ta' Ġunju 2004, meta kien mgħarraf li kellu jibqa' fl-istess grad li kellu qabel, għalkemm b'isem ġdid.

Dan juri illi l-attur kien sar jaf illi ma kienx intgħażel, u għalhekk sar jaf illi ntlaqat ħażin bl-għemil amministrattiv, fit-30 t'Ottubru 2003, u għalhekk kien minn dakinhar illi beda jgħaddi ż-żmien ta' dekadenza. Il-kawża nfetħet fit-30 ta' Mejju 2005, sew aktar minn sitt xhur wara. Ukoll jekk, fl-aħjar ipotesi għall-attur, iż-żmien beda jgħaddi mill-ittra tal-10 ta' Ġunju 2004 – li ma huwiex il-każ, għax dik l-ittra ma żiedet xejn ma' dak li ġà kien jaf minn qabel, *i.e.* li ma kienx intgħażel – is-sitt xhur xorta għaddew, għax iż-żmien, li hu żmien ta' dekadenza, ma nkisirx bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Diċembru 2004.

Billi għalhekk l-azzjoni tal-attur hija milquta b'dekadenza, il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni relativa tal-konvenuti, tiċħad it-

2 *i.e.* għax l-għemil ikun *ultra vires.*

3 *Foll.* 86 *et seq.*

talbiet tal-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------